MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2005

Talba Numru. 2223/2002

**Valhmor Borg Import Export Limited**

**vs**

**Francis Deguara**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-16 ta' Settembru 2002 fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tliet mija u hmistax-il lira Maltija u hamsa u tletin centezmu (Lm315.35) rapprezentanti bilanc minn somma akbar in konnessjoni ma' bejgh u konsenja ta' diversi prodotti tal-konsum;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 10 ta' Gunju 2002 u bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-istess ittra ufficcjali kontra l-konvenut ingunt minn issa ghas-subizzjoni;

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tal-31 ta' Ottubru 2005, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma mitluba ta’ tliet mija u hmisatx-il lira Maltija u hamsa u tletin centezmu (Lm315.35) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data ta’ din is-sentenza u bl-ispejjez ta’ dina l-istanza a karigu tal-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------